Qed nerga’ niġbed l-attenzjoni tiegħek għall-emails li bgħatnielkom fil-31 ta' Lulju 2023 u għal darb'oħra fil-21 ta' Settembru 2023,Jum l-Indipendenza. Sal-lum l-uffiċċju tal-Prim Ministru u dak tal-President biss irrikonoxxew li rċevew l-ewwel ittra waqt Albert Buttigieg irrikonoxxa t-tieni waħda.

Iltqajna ma' ħafna minnkom personalment biex inqajmu t-tħassib tagħna dwar l-1 ta' Diċembru 2023 li fih tasal l-iskadenza u nitolbuk **tirrifjuta L-EMENDI** għall-Artikolu 59 tar Regolamenti tas-Saħħa Internazzjonali adottati f'Mejju 2022.

Tlabna wkoll li ssir **inkjesta pubblika dwar l-immaniġġjar tal-Covid-19** f’Malta biex niżguraw li l-lezzjonijiet li tgħallimna qatt mhuma se reġgħu jiġu ripetuti,

bħal dik tas-Supretendent tas-Saħħa Pubblika fejn segwejna bl-addoċċ il rakkomandazzjonijiet tal-Organizzazzjoni Dinjija tas-Saħħa mingħajr ma tqies x’inhu xieraq bi proporzjonalità jew qies fis- severità tal-miżuri u mbagħad tiddiferixxi r-responsabbiltà lill-istess organizzazzjoni meta ġiet ikkontestata b’xi mod anki meta xehdet fil-qorti.

Nitolbu li inti tingħaqad u tikkollabora ma' sħabek fil-parlament biex twassal ittra urġenti lill-Prim Ministru u lill-President li fiha għandhom jinsistu li jirrifjutaw l-emendi tar-Regolamenti Internazzjonali tas-Saħħa li se jiġu adottati f'Mejju 2024, u tqisuha bħala kwistjoni ta' urġenza qabel l-iskadenza tal-1 ta’ Diċembru 2023.

Nappellawkom biex minnufih u pubblikament tirrifjutaw l-emendi tar-Regolamenti Internazzjonali tas-Saħħa f'isem il-poplu li inti tirrappreżenta biex taqdi u meta tagħmel hekk, issaħħaħ s-sovranità u kostituzzjoni ta’ pajjiżna.

L-emendi għall-Artikolu 59 tar-Regolamenti Internazzjonali tas-Saħħa, inaqqsu l-ammont ta' żmien permess ,li matulu emendi futuri jiġu riveduti u jekk hu meħtieġ jiġu miċħuda, minn 18 sa 10 xhur u jqassru l-ammont ta' żmien qabel ma jidħlu fis-seħħ emendi futuri minn 24 għal 12-il xahar.

L-emendi għall-Artikolu 59 ma jservu l-ebda għan leġittimu relatat mas-saħħa. Mhux se titjieb is-Saħħa u lanqas mhi se tittejjeb il-ħajja ta' ħadd kemm f'Malta jew x'mkien ieħor fid-dinja.

L-għan ewlieni tal-emenda huwa li jitnaqqas iż-żmien li fih tista' tiġi miċħuda s-sensiela ta' emendi li jmiss li qed jiġu nnegozjati fis-sigriet mill-Grupp ta' Ħidma għal emendi fir - Regolamenti Internazzjonali tas-Saħħa.

M'hemm l-ebda skop leġittimu relatat mal-ħajja, iżda l-emendi jidhru li **ġew sottomessi illegalment** u l-Assemblea tas-Saħħa **ma kellhiex l-awtorità li tadottahom!**

Ġew sottomessi l-emendi adottati għall-Artikolu 59 tar-Regolamenti Internazzjonali tas-Saħħa matul il-laqgħa tal-Assemblea Dinjija tas-Saħħa f'Mejju 2022, bi ksur ċar tal-Artikolu 55, Taqsima 2 tar-Regolamenti Internazzjonali tas-Saħħa li jgħidu:

"*It-test ta' kwalunkwe emenda proposta għandu jiġi kkomunikat lill-Istati Membri kollha mid-Direttur Ġenerali mill-inqas erba' xhur qabel li L-Assemblea tas-Saħħa tipproponih għal konsiderazzjoni*."

L-emendi oriġinali li ġew proposti skont l-Artikolu 55, Taqsima 2 tar-Regolamenti Internazzjonali tas-Saħħa effettivament ġew miżmuma minn Mejju 2022 u issa jiffurmaw parti mill-307 emendi proposti bħalissa li qed jiġu innegozjati.

Barra minn hekk, l-Assemblea Dinjija tas-Saħħa ma kellhiex l-awtorità li anki tikkunsidra l-emendi peress li ma kinux fl-ambitu tas-setgħat tal-Assemblea, li ngħataw mill-Artikolu 21 tal-Kostituzzjoni tal-Organizzazzjoni Dinjija tas-Saħħa, li jiddikjara b'mod ċar l-iskop ta' l-awtorita' tagħhom kif jidher hawn taħt:

L-Assemblea tas-Saħħa għandha l-awtorità li tadotta regolamenti dwar:

(a) rekwiżiti sanitarji u ta' kwarantina u proċeduri oħra maħsuba biex jipprevjenu t-tixrid internazzjonali tal-mard;

(b) nomenklaturi fir-rigward ta' mard, kawżi ta' mewt u prattiċi tas-saħħa pubblika;

(c) standards fir-rigward ta' proċeduri dijanjostiċi għall-użu internazzjonali;

(d) standards fir-rigward tas-sigurtà, is-safa u l-qawwa tas-sustanzi bijoloġiċi, ta'prodotti farmaċewtiċi u simili li jimxu fil-kummerċ internazzjonali;

(e) reklamar u tikkettar ta' prodotti bijoloġiċi, farmaċewtiċi u simili li jintużaw fil-kummerċ internazzjonali.

Jekk int ma tiħux azzjoni u tħalli l-iskadenza tal-1 ta' Diċembru 2023 tgħaddi, dawn l-emendi illegali se jsiru liġi internazzjonali u Malta jkollha tikkonforma magħhom.

Int tkun responsabbli li volontarjament tħalli dan iseħħ għalkemm tafu sew.

L-injoranza mhix skuża.

Nixtiequ nirrikonoxxu t-termini ta'l-impenn tagħna issa u nimxu 'l quddiem miegħek, bi trasparenza sħiħa u rispett bejnietna.

Il-ftehim magħna meta ħadt il-kariga kien li żżomm magħna u li tħares id-drittijiet tagħna u tħares il-Kostituzzjoni.

Jekk fhimna ħażin, jekk jogħġbok avżana kif inhu xieraq u oħroġ mis-servizz pubbliku.

Issa huwa ż-żmien li tqum u titkellem għalina u taħdem man-nies li taqdi!

F'Isem Vuci Hielsa

Iffirmat minn Cittadini Maltin u Barranin